# Il-Baned fl-Iżvilupp tal-Festa Maltija



L-aqwa teżori li għandha artna huma l-wirt storiku u kulturali tagħha. Hu wirt rikk, anzi rikkissimu għaċ-ċokon li fih kiber u jgħodd ukoll tradizzjoni li tmur lura mijiet ta' snin. Għalkemm dan kollu ġie bosta drabi influwenzat minn pajjiżi ġirien jew ħakkiema, illum naraw fih ukoll diversità u oriġinalità li tiddistingwina.

Fost tant avvenimenti kulturali ta' kull xorta, bosta jqisu li huma l-festi parrokkjali li sal-lum tant għadhom ħajjin, li jagħmlu l-akbar manifestazzjoni popolari tagħna l-Maltin. Huma fenomenu li kontra kull tbassir soċjoloġiku, fl-età ta' żvilupp kummerċjali, baqgħu tant għal qalb il-poplu tagħna jikbru u jisbieħu, anke jekk kultant b'addattament għal żmienna. Il-festi parrokkjali huma primarjament att ta' fidi u bdew ġewwa l-knejjes, iżda maż-żmien żviluppaw f'manifestazzjonijiet soċjali, fejn in-nies turi l-abbiltà tagħha f'diversi snajja differenti: mużika, piroteknika, tiżjin eċċ., u tiżvoga permezz tal-briju u divertiment li jirrenja f'kull festa.

Ma nistgħux nifirdu l-aspett reliġjuż minn dak pagan, għaliex tant huma magħġunin flimkien li kultant saru ħaġa waħda. Il-bniedem ta' kull żmien żgur li sab mezzi diversi biex ifakkar ġrajjiet speċjali għalih u għas-soċjetà ta' madwaru, daqs kemm ħass il-bżonn tas-sagru u l-ispiritwalità. Il-festa Maltija torbot dawn l-elementi naturali flimkien. Il-festa parrokkjali fis-sens wiesgħa tagħha ma tinkludix biss dik titulari u sekondarja, iżda wkoll oħrajn liturġiċi bħal ta' Corpus, il-Gandlora, Lapsi u tal-Ġimgħa Mqaddsa. Hemm ukoll festi oħra reliġjużi bi tradizzjoni folkloristika kbira bħall-Imnarja, San Ġwann Battista, il-Vitorja, San Anton Abbati, Sant'Agata u San Girgor.

Għandna naħsbu li l-ewwel festi (reliġjużi) bdew fil-knejjes b'mod sempliċi bħala tifkira, filwaqt li fil-katidral dawn kienu jsiru b'aktar pompa. Dan ġara anke barra minn pajjiżna fejn insibu l-aspett estern tal-festa aktar antik minn tagħna, partikolarment fl-Ewropa. Il-Manifestazzjoni esterna kibret fostna fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann. Sas-seklu 17, din l-attività kienet tikkonsisti bażikament f'mixgħela bil-fjakkoli, xi żewġ daqqaqa għall-mużika u l-purċissjoni bit-tilar (ikona) u rarament bl-iststwa. Dan kien dak kollu li jsir fuq barra (għax fuq ġewwa kien isir ħafna milli għad għandna illum) mifrux fuq jumejn. Il-logħob tan-nar nistgħu ngħidu li għandu l-eqdem tradizzjoni fostna mill-aspetti kollha tal-festa.

L-iskop prinċipali ta' dan l-istudju kien il-moviment bandistiku aktar minn kull ħaġa oħra. Hawn diversi tejoriji ta' kif setgħu bdew il-baned tagħna. Ħafna minn dawn huma biss suppożizzjonijiet mibnija aktar fuq it-tradizzjoni milli fuq dokumentazzjoni xjentifika. Għalhekk fin-nuqqas ta' informazzjoni importanti, ser nagħmlu biss xi riflessjonijiet li jdawluna biex nifhmu xi ftit l-iżvilupp

bandistiku.

Nafu li lejn l-aħħar żminijiet ta' l-Ordni ta' San Ġwann, f'mument meta l-istess Ordni kienet konxja mill-għadab tal-poplu lejha, fi żmien li kien ikkaratterizzat minn inkwiet u instabbilità, il-Gran Mastru De Rohan, ħajjar biex tikber il-festa fuq barra anke permezz tal-mużika pprovduta minn grupp ta' daqqaqa-mużiċisti, biex barra li jallegraw lill-poplu, inessuh ukoll il-problemi. Malli telqu l-Kavallieri u ħakmuna l-Ingliżi, nafu fiċ-ċert li dawn kellhom il-baned reġimentali tagħhom stazzjonati anke fostna li bdew jieħdu sehem ukoll fil-festi tagħna. Bħala baned organizzati kif nafuhom illum, jiġifieri b'Kumitat (almenu President) u Surmast b'numru ta' Allievi ma nafu xejn qabel l-1850, anke jekk f'xi dokumenti tal-fratellanzi jew f'sorsi oħra li jissemmew il-baned ferm qabel.

Wisq probabbli li l-ewwel banda tar-raħal kienet ġewwa r-Rabat ta' Malta. Din diġà nsibuha tagħti servizzi sa mill-1800. Castagna jsostni li l-ewwel banda nazzjonali twaqqfet f'Ħaż Żebbuġ minn Indri Borg. Iżda nafu b'ċertezza li fl-istess raħal diġà kien hemm banda attiva qabel għax fl-1851 il-Banda 'Di San Filippo' tat servizz fil-festa tal-Madonna tal-Karità. Iżda hawn ma nafux jekk dawn il-baned kienux kontinwazzjoni ta' oħrajn li għadhom illum. Il-banda San Filep ta' Ħaż Żebbuġ tqis il-fundazzjoni tagħha fl-1851. P.P. Castagna kien jaf tajjeb u meta afferma b'ċertu qawwa li l-ewwel banda 'nazzjonali' saret f'Ħaż Żebbuġ. Għandna nifhmu li kien qed jalludi għal Soċjetà Bandistika bħal tal-lum, organizzata sewwa b'numru sostanzjali ta' bandisti.

Preżentament insibu żewġ baned li jġibu s-sena tat-twaqqif tagħhom li jagħti Castagna: il-Banda De Rohan ta' Ħaż Żebbuġ u l-Banda l-Isle Adam tar-Rabat u t-tnejn jgħarfu bħala l-ewwel Surmast lil Andrea Borg. Insibu ukoll li ġewwa Ħaż Żebbuġ lejn l-1893 ġie ffurmat każin ieħor 'San Filippo Indipendente'. Allura x'inhi din? Kobba mħabbla jew interpretazzjoni żbaljata ta' l-istorja? Loġikament naħseb li nistgħu npoġġu l-kwadru hekk. Il-Banda San Filippo li tissemma' fl-1851 jista' jkun li kienet jew differenti minn dik elenkata minn Castagna, jew kienet spiċċat sal-1860 jew anke ftit wara. Fl-istess sena verament twaqqfu t-tnejn li semmejna u aktar tard fetaħ il-każin San Filep tal-lum. Iżda fuq dan irridu nfittxu aktar. Minn hawn 'il quddiem il-baned bdew jitwaqqfu kull sena u minn dawn bosta m'għadhomx jeżistu. Filwaqt li wħud minnhom nafu eżattament meta twaqqfu, oħrajn għadna mhux ċerti dwarhom, b'mod speċjali fejn għandek il-partiti tal-festi titulari u sekondarji. Eżempju tajjeb insibuh f'dawk taż-Żurrieq, Ħal Kirkop, Ħaż Żabbar u fir-Rabat Għawdex fejn probabbilment iż-żewġ soċjetajiet ikunu ħarġu mill-istess Soċjetà waħda tal-bidu. Hawn ukoll għad irridu insiru nafu l-verità.

Każi oħra strambi (u fil-fehma tagħna banali), huma meta nħalltu t-twaqqif tal-każin bħala soċjetà mużikali u soċjali mal-banda proprja. Per eżempju fl-Imqabba, il-Banda Lily, twaqqfet 50 sena ilu, iżda s-Soċjetà għandha aktar minn 75 sena. Hawnhekk u fi bnadi oħra rridu niddistingwu bejn banda bl-elementi tal-lum u orkestra mandolinistika. Dawn differenti bħal ma kienu l-baned ballabbli u l-orkestri.

U x'ġara fil-Ħamrun? Barra iż-żewġ baned li għandna llum, jidher li kienu jeżistu xi oħrajn. Insemmu biss dik bl-isem 'San Gejtanu' li tat servizz fil-Ħamrun

u bnadi oħra sa mill-1894 taħt is-surmast Eduardo Farina.

Fit-18 ta' Awissu tal-1889 imbagħad twaqqfet uffiċjalment il-Filarmonika San Giuseppe taħt il-Presidenza tas-Sur Temi Conti u bl-ewwel Surmast ikun Carmelo Doneo. Aktar tard, nafu li ħarġet minnha l-Filarmonika San Gejtanu, fl-24 ta' Ġunju 1906 wara tilwima li kien hemm bejn xi membri tas-Soċjetà Ġużeppina. Francesco Buttiġieġ huwa meqjus bħala l-Fundatur filwaqt li l-ewwel President kien Gavino Portelli u l-ewwel Surmast Guzeppi Sammut.

Għalhekk huwa korrettissimu l-anniversarju ċċelebrat din is-sena mill-Banda San Gejtanu. Iżda ngħidilkom li anqas hawn m'għedna kollox u 'l quddiem għad inkunu nafu aktar dwar l-attività mużikali fil-Ħamrun bejn dawn iż-żewġ Filarmoniċi preżenti, jekk mhux anke qabel!

Nota ta' l-awtur

Dan hu parti minn studju dettaljat li l-awtur qed jagħmel dwar l-iżvilupp tal-festi lokali tul iż-żmien. Kull kritika kostruttiva jew materjal dwar l-istess suġġett li jista' jkun ta' għajnuna, ikun apprezzat ħafna.

***Raymond Saliba***

---

# Il-Marċi l-ġodda tal-Banda San Gejtanu sejrin jinstemgħu fuq Radju Malta I nhar il-Ħadd, 11 ta' Awissu, 1996 fil-5.00 p.m.

---